Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 201/2020

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Alsaied Ali Zawia**

Illum 9 ta' Dicembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Alsaied Ali Zawia detenur tal-karta tal-identita Maltija 305002L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Mill-15 ta' Awwissu, 2018 sal-15 ta' Settembru, 2018, gewwa l-Gzejjer Maltin b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Naqas li jaghti lil martu Rita Zawia, il-manteiment ghal dawn ix-xaghrejn kif stipulat fis-sentenza tal-qorti ,liema manteniment hu dovut ghal uliedu u martu, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond is-sentenza kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Ottubru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal xarhrejn prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alsaied Ali Zawia prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Ottubru, 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi filwaqt li TIKKONFERMA l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti li hija wahda netta bla ebda tegbha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk l-appellant ghandu jitqies daqslikieku huwa '*a first time offender*'.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-affidavit ta' **PS 1226 Silvan Pulis** prezentat fl-atti a fol. 36 tal-process, markat bhala dok EZ1 u kkonferma li nhar it-15 ta' Setttembru, 2018 ghall-habta ta' 16.30 waqt li kien dettaljat l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun dahlet certu Rita Zawia detentrici tal-karta ta' identita numru 0306053M tirraporta li ma kientix irceviet manteniment. Spjegat li zewgha l-akkzuat kien ilu ma jghatiha mantenimetn sa minn Novembru 2016. Spejgatlu li kellha tiehu somma flus minghandu. Oltre dan qalet li kellha tiehu xi somma flus ohra minghandu rappresentanti likwidazzjoni ta' komunjoni ta' akkwisti.

Rat l-affidavit ta' **PC 825 Theodore Busuttil** prezentat fl-atti a fol. 3 tal-process u kkonferma li nhar it-8 ta' Awwissu, 2017 ghall-habta ta' 12.00 waqt li kien dettaljat l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun dahlet certu Rita Zawia detentrici tal-karta ta' identita numru 0306053M tirraporta li ma kientix irceviet manteniment. Spejga li skond is-sentenza tal-Qorti datata 27 ta' Frar 2018 l-akkuzat ghandu jaghti manteniment ghall-perijodu ta' bejn Jannar 2017 u Frar 2018 is-somma ta' €450 kull erba' gimghat u bejn

Marzu 2018 u Lulju 2018 is-somma ta' €2320 kull erba' gimghat hekk kif ordnat mill-Qorti Civili (sezzjoni Familja).

Jghid li fil-15 ta' Awwwissu, 2018 ghamel kuntatt mal-akkuzat u dan kkonferma li ma kienx taha l-manteniment dovut u inghata parir jitkellem ma avukat.

Rat ix-xhieda moghtija mill-*parte civile* **Rita Zawia** nhar il-11 ta' Novembru, 2019 fejn kkonfermat li l-akkuzat appellant zewgha ma hallashiex tal-manteniment dovut mix-xahar ta' Jannar 2017 sa Lulju 2018 u tax-xahar ta' Settembru 2018. Ikkonfermat li kien hallasha tax-xahar ta' Awwissu, 2018 u minn Ottubru sa Dicembru 2018. Spjegat li l-akkuzat zewgha suppost ghandu ihallasha is-somma ta' €230 mensilment. Hija pprezentat is-sentenza moghtija mill- Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li giet markata bhala dok RZ2[1] fl-ismijiet **Rita Zawia pro et noe vs Ali Zawia** datata 27 ta' Frar, 2018. Rat ukoll il-bank statement taghha ghall-perijdou ta' bejn Awissu 2018 uSettembru 2019 markat bhala dok RZ 1 a fol. 25.

Rat dak li stqarr l-akkuzat appellant **Alsaied Ali Zawia** minn jedu nhar il 11 ta' Novembru ,2019[2]. Qal li fil-present huwa jghix bil-karita li jinghata mill -Moskea. Qal ukoll li kien gie mghoti somma flus li kien ghadda lil martu ghal xi pretensjonijiet li kien hemm bejniethom. pero' jgharraf li ma hallashiex l-ammont ta' manteniment dovut ghax xhur imsemmija fl-akkuza.

**Osama Ali Adriz** xehed nhar il 11 ta' Novembru, 2019 u kkonferma li l-akkuzat jahdem maghhom gewwa l-Moskea u ilu jahdem maghhom ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Stqarr li l-appellant jaqla' is-somma ta' €950 mensilment. Qal pero' li kellhom problema bil-pagi ghaliex ma kienux waslu mill-Libya ghas-snin 2018 u 2019 u l-haddiema ma thallsux ghall-perijodu ta' sena shiha. Huwa pprezenta dokument mahrug minn The World Islamic Call Society Malta branch datat 9 ta' Settembru, 2019 fejn hemm

[1] Fol. 42
[2] Fol. 27

konferma li l-akkzuat jahdem maghhom bhala watchman u kien ilu ma jithallas sa minn Ottubru 2018 peress li it-transfers tal- flus mill- Libya ma waslux.

Rat illi l-akkuzat hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona umli appell. L-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umil appell mill-piena erogata fil-konfront tieghu.

**A. Piena Eccessiva**

Illi l-esponenti appellant qieghed jibbaza dan l-appell tieghu fuq il-piena erogata fil-konfront tieghu hu qieghed jilmenta illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti u cioe' dik ta' xahrejn prigunerija hija wahda sproporzjonata u eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi. Spjegat li l-appellant m ghandux antecidenti u li ma kellu l-ebd ahsieb li jonora l ordni tal-Qorti izda dan sar ghaeix kien hemm zmien meta ma thallasx ta' xoghlu u ghalhekk ma setgha xjonoira l obbligi tieghu. In oltre isostni li piena karcerarja ma hi ser isservi ta' xejn u ghalhekk ghadnu ikun hemm mitigazzjoni fil-piena u ghandu ikun hemm peina alternttiva.

Rat dak li gie verbalizzat fl-atti quddiem din il-Qorti seduta stante nhar it-2 ta' Dicembru 2020 mill-parte civile u cioe li illum il-gurnata ma ghandha l-ebda pretensjoni kontra l-akkuzat u li fil-fatt thalset ghas-saldu ghal pretensjoni taghha naxxenti minn l-akkuza odjerna

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet <u>Il-Pulizija [Spettur Josric Mifsud] vs Francis Saliba</u>[3] <u>fejn gie ritenut li:-</u>

*"Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni tagħhom u dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nahr id-19 ta' Lulju 2013

*għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu ġiet definittivament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-għaqda familjari li llum nħolqot bejn l-appellant u uliedu."*

B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill- obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u martu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp martu u uliedu jibqgħu bla ħlas ta' manteniment.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta' pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm nuqqas ta' pagament.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-akkuzat appellant Alsaied Ali Zawia billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellant għal xaghrejn prigunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda komplessiva fl-ammont ta' mija u ħamsin euro (€150) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill-akkuzat appellant **Alsaied Ali Zawia** jħallas l-ammenda imposta fuqu b'din is-sentenza ratealment bir-rata ta' ghoxrin euro (€20) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli fi zmien tnejn u erbghin siegha, b'dan li fin-nuqqas ta' pagament anki ta' rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef